MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 150/2004

**Avviz numru 150/04 DM**

**Hili Investments Limited**

**Vs**

**Av. Dr. Richard Sladden LL.D. nominat b'digriet tat-22 ta' April, 2004, bhala kuratur deputat ghan-nom u in rappresentanza ta' Khalifa S. Alsharif (Numru tal-Passaport 960956 mahrug fl-4 ta' Lulju, 1998, fi Tripoli, Libja)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal- konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf u seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm1,750), somma mhallsa mill-attur fl-interess tal-konvenut u ghan-nom tieghu ghall-ispejjes ta' residenza u/jew servizzi ohra rezi mill-'hotel' 'The Westin Dragonara Resort – Malta' lill-konvenut ghall-perjodu mit-8 ta' Jannar, 2004, sal-24 ta' Frar, 2004.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr. Richard Sladden, bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Khalifa S. Alsharif, fejn eccepixxa illi:
1. L-eccipjenti mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u jirriserva li jipprovdi l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri, meta jikkomunika mal-konvenut assenti ;
2. Ghal dan l-iskop l-eccipjenti kiteb lid-difensur tas-socjeta' attrici sabiex jinghata l-indirizz ta' l-istess konvenut assenti ;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-25 ta' Novembru, 2004, fejn Dr. Richard Sladden iddikjara li minn naha tieghu saru tentattivi ta' komunikazzjoni mas-Sur Alsharif u taw rizultat negattiv kemm bit-telefon kif ukoll bl-'e-mail';

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti mill-atturi jirrizulta li huma qieghdin jitolbu illi jigu kkumpensati s-somma ta' elf, seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm1,750) illi huma hallsu lill-lukanda 'The Westin Dragonara Resort' ghall-akkomodazzjoni li din il-lukanda kienet ipprovdiet lill-konvenut Khalifa S. Alsharif.

Mid-deposizzjoni ta' John Azzopardi, impjegat ma'l-atturi, jirrizulta illi l-prenotazzjoni f'din il-lukanda kienet saret mill-atturi fuq l-istruzzjonijiet ta' l-istess konvenut u billi l-istess konvenut ma kienx fil-pussess ta' karta ta' kreditu u lanqas ta' karta ta' l-identita' Maltija, il-kumpanija attrici kellha tiggarantixxi l-pagament lill-lukanda Westin ghall-

akkomodazzjoni tal-konvenut li minn naha tieghu ma kienx issalda l-kont qabel ma llontana ruhhu minn dawn il-Gzejjer.

Id-debitu lejn il-lukanda ‘The Westin’ jirrizulta konfermat mid-dokumenti esebiti, waqt illi Paul Hili, direttur tal-kumpanija konvenuta, bl-affidavit tieghu, kkonferma dak kollu illi kien iddikjara l-istess John Azzopardi.

Ghalkemm il-konvenut ma giex irrintraccjat bil-mezzi li soltu ssir il-komunikazzjoni mieghu, u ghalhekk ma seta’ b’ebda mod jikkontesta l-provi illi gew prodotti mill-atturi, minn naha l-ohra l-Qorti ma ssibx ragunijiet ghaliex ghandha tiddubita mill-veracita’ ta’ dak illi ddikjaraw l-atturi u konsegwentement qieghda tilqa’ it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta’ elf, seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm1,750), bl-imghaxijiet legali b’effett mis-17 ta’ Marzu, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------